

Il-Kummissjoni tirreleva li skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 98(2) tad-Direttiva tal-VAT, ir-rati mnaqqa tal-VAT jistgħu jiġu applikati biss għall-kunsinni ta' beni u għall-provvisti ta' servizzi inklużi fl-Anness III ta' din id-direttiva. Issa, il-kategorija 6 tal-Anness III tad-Direttiva tal-VAT ma ssemmix li l-provvista ta' kotba diġitali tista' tkun suġġetta għal rata mnaqqa tal-VAT. Minn dan il-Kummissjoni tiddeđu li l-provvista ta' kotba diġitali għandha għalhekk tiġi suġġetta għal rata normali ta' VAT skont l-Artikolu 96 tad-Direttiva tal-VAT. Dan huwa wkoll ikkonfermat, skont il-Kummissjoni, mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 98(2), li jeskludi speċifikament mill-benefiċċju ta' rati mnaqqa tal-VAT is-servizzi pprovduti b'mezz elettroniku. Fl-aħħar nett, insostenn tar-rikors tagħha, il-Kummissjoni tirreleva li l-Kumitat tal-VAT adotta b'unanimità, fid-9 ta' Frar 2011, linji gwida li permezz tagħhom ir-rati mnaqqa ta' VAT ma japplikawx għall-provvista ta' kotba diġitali.

- (¹) Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, p. 1).
 (²) Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 282/2011, tal-15 ta' Marzu 2011, li jstabbilixxi miżuri ta' implimentazzjoni fir-rigward tad-Direttiva dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 77, p. 1).

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Okrazhen sad — Targovishte (il-Bulgarija) fid- 9 ta' Settembru 2013 — Parva Investitsionna Banka AD, UniKredit Bulbank AD, Siyk Faundeyschan LLS vs Ear Proparti Developmant — v nesastoyatelnost AD, Amministratur ta' proċedura ta' falliment ta' Ear Proparti Developmant — v nesastoyatelnost AD

(Kawża C-488/13)

(2013/C 344/81)

Lingwa tal-kawża: il-Bulgaru

Qorti tar-rinviju

Okrazhen sad — Targovishte

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Parva Investitsionna Banka AD, UniKredit Bulbank AD, Siyk Faundeyschan LLS

Konvenut: "Ear Proparti Developmant — v nesastoyatelnost" AD, Amministratur ta' proċedura ta' falliment ta' "Ear Proparti Developmant — v nesastoyatelnost" AD

Domandi preliminari

- (1) Kif għandu jiġi interpretat il-kriterju dwar in-natura inkontestabbli ta' pretensjoni għal ħlas infurzabbli, fis-sens tal-premessa 6 tar-Regolament Nru 1896/2006?

- (2) Fil-każijiet fejn il-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, li fit-territorju tiegħu tkun qiegħda tiġi eżegwita pretensjoni għal ħlas, ma tiddeterminax jekk l-ordni ta' infurzar hijjex applikabbli għall-ordni ta' tali ħlas fi proċeduri ta' insolvenza li jkunu nbdew kontra persuna li fir-rigward tal-proprjetà tagħha jkun intalab l-infurzar, il-projbizzjoni fl-Artikolu 2(2)(b) tar-Regolament għandha tiġi interpretata b'mod strett u tapplika biss fir-rigward ta' pretensjonijiet għal ħlas kontestabbli li għandhom jiġu infurzati jew inkella tikkonċerna wkoll pretensjonijiet għal ħlas inkontestabbli li l-infurzar tagħhom huwa mitlub?

- (3) L-Artikolu 2(2)(b) tar-Regolament, li jipprovdni l-esklużjoni, mill-kamp ta' applikazzjoni tiegħu, ta' fallimenti ta' kumpanniji jew ta' persuni ġuridiċi oħra, ta' proċeduri ta' stralċ ta' kumpanniji insolventi u ta' proċeduri oħra simili, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-limitazzjoni tikkonċerna biss il-bidu tal-imsemmija proċeduri, jew tali limitazzjoni tkopri wkoll l-iżvolġiment kollu tagħhom, skont l-istadji tal-proċeduri previsti fid-dritt nazzjonali tal-Istat Membru inkwistjoni?

- (4) Skont il-prinċipju tas-supremazija tad-dritt Komunitarja u fil-każ ta' lakuna fid-dritt nazzjonali ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, il-qorti nazzjonali tal-Istat Membru li quddiemha jkunu nbdew proċeduri ta' insolvenza kontra persuna li fir-rigward tal-proprjetà tagħha jkun intalab l-infurzar, tista' tagħti deċiżjoni permezz ta' sentenza differenti u li tmur kontra l-prinċipji ġenerali tar-Regolament, abbażi tal-premessa 10 u tal-Artikolu 26 ta' dan tal-aħħar?

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Verwaltungsgericht Berlin (il-Ġermanja) fit-13 ta' Settembru 2013 — Mohamed Ali Ben Alaya vs Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja

(Kawża C-491/13)

(2013/C 344/82)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Verwaltungsgericht Berlin

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Mohamed Ali Ben Alaya

Konvenuta: Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja